MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 163/2005

**Vincent Cushieri Limited [C-4162]**

**vs**

**Mario Spiteri u Marcam Services Co Ltd [C-8005]**
**jew min minnhom**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' tlett elef, u tliet liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm3,003.46) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tal-21 ta' Lulju, 2004 u tat-18 ta' Jannar, 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma l-Avviz ghas-smiegh, u bl-

imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jew min minnhom iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-14 ta’ Gunju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------